**26 ta' Marzu, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Anthony *sive* Ninu Borg

**Użu ta' Kliem Projbit – Disprezz lejn l-Awtorità tal-Qorti – Sfilz tad-Dokument**

*L-użu ta' kliem offensiv u oġġezzjonabbli fil-konfront ta' l-avukat tal-prosekuzzjoni wassal għall-kundanna għal disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti u għall-isfilz mill-atti tal-kawża tan-nota ta' osservazzjonijiet/sottomissjonijiet.*

Il-Qorti: –

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet/sottomissjonijiet ta' l-imsemmi Anthony Borg ippreżentata fis-6 ta' Marzu, 1992;

U billi din in-nota tikkontjeni kliem offensiv u oġġezzjonabbli fil-konfront ta' l-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dottor Silvio Camilleri u partikolarment fil-brani segwenti li fihom saru l-korrezzjonijiet opportuni fl-ortografija:

"U lil Dottor Camilleri wieħed jistaqsih bir-rispett u qima jekk dan ħax l-istrapazz jekk wieħed irid isejjaħlu hekk, li jindenja jaqra r-rikors ta' l-Appellant Anthony Borg....." (paragrafu 7 tan-nota);

"*.....u ċertament* l-eċċezzjoni ta' Dr. Camilleri hija tentattiv proverbjali biex wieħed isib ix-xagħra fl-għaġina....." (paragrafu 9);

"Jista' xi qarrej b'intelliġenza normali, u anke forsi b'xi ftit intelliġenza anqas min-normali, ma jintebaħx.....illi l-appell mhux qed isir mis-sentneza mogħtija nhar *il*-Ġimgħa, tnejn u għoxrin ta' Novembru, elf disa' mija u wieħed u disgħin (22-11-91) mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali...U Alla jbierek l-Avukat Anzjan tar-Repubbliká jiġi jeċċepixxi n-nullità... U naturalment wieħed jiddispjaċih jaqra din l-eċċezzjoni għaliex mingħajr ma jrid ikollu jagħmel rimarka jekk l-Avukat Anzjan tar-Repubblika indenjax ruħu jaqra dan ir-rikors ta' l-appell fl-intier tiegħu, u jeżamina kif inhu d-dmir tiegħu li jagħmel il-proċess kollu tal-każ". (paragrafu 11);

"...l-eċċezzjoni ta' nullità ta' dan l-appell hija infondata ampjament kemm fil-fatt u kemm fid-dritt billi abke bl-aktar intelliġenza li forsi titqies aċċettabbli taħt il-livell ta' normal ma tħalli l-ebda dubju liema sentenza ta' liema Qorti qed tiġi appellata, aħseb u ara meta din l-eċċezzjoni qed tiġi sollevata minn bniedem kapaċi u ta' esperjenza bħal ma huwa l-Avukat Anzjan tar-Repubblika Dottor Silvio Camilleri..." (paragrafu 15);

U billi dan il-kliem ma kienx meħtieġ għall-finijiet li għalihom in-nota msemmija kienet maħsuba;

U billi l-istess nota hija ffirmata u ġiet ippreżentata mill-Avukat Dottor Emy D. Bezzina;

Wara li rat l-artikolu 994 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, magħmul dan l-artikolu applikabbli minn din il-Qorti bl-artikolu 686 tal-Kapitolu 9 ta' l-istess Liġijiet;

Issib lill-imsemmi Avukat Dottor Bezzina ħati ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti;

Tikkundannah ammonizzjoni u riprensjoni;

U tordna li n-nota msemmija tiġi sfilzata mill-proċess.